*l-uniku mezz biex ikunu jafu dwar ix-xejriet tal-ħajja li qegħdin igħixu fiha u minn fuq il-palk jieħdu idea tal-problemi li qegħdin iħabblu d-dinja moderna.*

*Sakemm it-tijatru hu mera ta' dak li huwa xieraq jiswa ta' ġid kbir għax iservi bħala għajn ta' tagħlim, iżda sfortunatament mhux kulħadd jinqeda bit-tijatru biex ixerred is-sewwa; hemm min bidel it-tijatru f'wirja ta' passjonijiet baxxi, u hemm oħrajn li lit-tijatru jqisuh ħanut minn fejn jaqilgħu flejjes kbar. Min għandu din il-fehma dwar it-tjiatru qatt ma jista' jseddqu u jagħnih bi skopijiet serji u ta' min ifaħħarhom. Tijatri miftuħin għal qligħ il-flus biss qatt ma jistgħu jgħinu l-aspirazzjonijiet nobbli tal-ħajja, aktarx jistgħu jħassru l-kostumi, iwebbsu 'l-qlub u jdallmu l-imħuħ tal-poplu. Id-deni li jisfa' minn tijatri bħal dawn jista' jitħassar biss minn tijatri oħrajn imwaqqfa għall-ġid tal-poplu, għat-tagħlim tas-sewwa jew għal mogħdija taż-żmien skond ma trid il-Knisja Mqaddsa. Kif qal l-Arċisqof Gonzi fil-ftuħ tan-Knights' Hall, il-Knisja qatt ma kienet kontra t-tijatru onest, serju u istruttiv, għax fih issib mezz biex jitħarsu l-kostumi u jsaħħu l-ġibdiet tajbin.*

*Għalhekk id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li ħa ħsieb biex jiftaħ dan it-tijatru jistħoqqlu kull tifħir għal opra sabiħa u fejjieda li għamel, u aħna ċerti li dak it-tijatru sejjer ikun mezz millaqwa għall-progress fit-tagħlim ta' wliedna; bis-saħħa ta' dan it-tijatru t-tfal jieħdu kunfidenza mal-palk u jitħarrġu kif iġibu ruħhom, kif jitkellmu, u kif joqogħdu quddiem in-nies, jeħilsu minn mistħija żejda, ma jibqgħux grixtin, iħollu lsienhom u jidraw jidhru fil-pubbliku, b'hekk huma jitgħallmu manjieri dħulin u rżina u jisviluppaw il-ġenju, l-intellett u donijiet oħra li jista' jkollhom moħbija.*

*Għalhekk mela, bħalma għidna qabel, id-Dipartiment tat-Tagħlim il-lum qiegħed jinqeda bil-palk u b'li* screen, *għax sab li dawn iservu ta' għajnuna kbira lis-surmastrijiet. Tant hu hekk li ftit ilu f'dak id-Dipartiment twaqqfet fergħa ġdida ta' tagħlim imsejħa* "Visual Education", *li kellha suċċess kbir u qiegħda tagħmel ġid bla tarf. Permezz ta' din il-fergħa t-tfal jitgħallmu mhux b'li jaqraw iżda b'li jaraw. Għax il-lum nafu li t-tfal jimpressjonaw ruħhom ħafna bit-talkies u bil-films u jekk dawk it-talkies jew dawk il-films ikollhom skop ta' tagħlim jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira fl-istruzzjoni. F'artikolu li deher fin-*"New Era" *Mr. Val. Walker kiteb hekk : "Much is being done on the*



*influence of the cinema on adolescents; but the fact must be faced by educationists that it is in the infant, even nursery school years, that habits of regular cinema attendance are being formed. If we are to turn to the cinema for constructive purposes, and at the same time to broaden the range of children's leisure time activities, we must not wait until the years of adolescence" (*).*

*Aħna bħala Għaqda tal-Kittieba għandna d-dmir mhux li niktbu kotba biss iżda li ngħinu dak kollu li għandu skop kulturali, għax il-koltura twitti t-triq għal opri letterarji. Dan it-tijatru li fetaħ il-Gvern jista' jħajjar kittieba biex jindaħlu għal xogħlijiet drammatiċi għax issa huma jafu li hemm post tajjeb, sabiħ u ma jonqsu xejn fejn jirrappreżentaw opri tagħhom u fejn isibu nies imħarrġin biex jaħdmuhomlhom u pubbliku li japprezzahomlhom. J'Alla, mela, dan it-tijatru l-ġdid iseħħ, jimxi 'l quddiem għall-ġid ta' wliedna, ta' niesna u ta' sħabna l-kittieba.*

## AKKADEMIĊI ĠODDA

Fil-laqgħa tal-Kunsill li saret nhar id-29 ta' Mejju 1950, kienu maħturin Membri Akkademiċi Patri Pawl Galea O.P., S.Th.Lec. & Lic., u s-Sur Wallace Ph. Gulia, B.A., B.Sc., Ph.C., D.P.A. (Lond.). Nifirħulhom.

* "The New Era", 3. 1950, 44-50.